TRADUZZJONI

L-EMENDA TA' DOHA GĦALL-PROTOKOLL TA' KJOTO

Artikolu 1

Emenda

A. Anness B tal-Protokoll ta' Kyoto

It-tabella li ġejja għandha tissostitwixxi t-tabella fl-Anness B tal-Protokoll:

1	2	3	4	5	6
Parti	Impenn kwantifikat ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet (2008–2012) (persentaġġ tas-sena bażi jew perjodu)	Impenn kwantifikat ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet (2013–2020) (persentaġġ tas-sena bażi jew perjodu)	Sena ta' referenza (1)	Impenn kwantifikat ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet (2013–2020) (persentaġġ tas-sena ta' referenza) (1)	Wegħdiet ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (perċentwal tas-sena ta' referenza) (2)
"L-Awstralja	108	99,5	2000	98	– 5 sa – 15 % jew – 25 % (3)
L-Awstrija	92	80 (4)	MA	MA	
Belarus (5) (*)		88	1990	MA	– 8 %
Il-Belġju	92	80 (4)	MA	MA	
Il-Bulgarija	92	80 (4)	MA	MA	
Il-Kroazja (*)	95	80 (6)	MA	MA	– 20 %/– 30 % (7)
Ċipru		80 (4)	MA	MA	
Ir-Repubblika Ċeka (*)	92	80 (4)	MA	MA	
Id-Danimarka	92	80 (4)	MA	MA	
L-Estonja (*)	92	80 (4)	MA	MA	
L-Unjoni Ewropea	92	80 (4)	1990	MA	– 20 %/– 30 % (7)
Il-Finlandja	92	80 (4)	MA	MA	
Franza	92	80 (4)	MA	MA	
Il-Ġermanja	92	80 (4)	MA	MA	
Il-Greċja	92	80 (4)	MA	MA	
L-Ungerija (*)	94	80 (4)	MA	MA	
L-Islanda	110	80 (8)	MA	MA	
L-Irlanda	92	80 (4)	MA	MA	
L-Italja	92	80 (4)	MA	MA	
Il-Kazakstan (*)		95	1990	95	– 7 %
Il-Latvja (*)	92	80 (4)	MA	MA	
Il-Liechtenstein	92	84	1990	84	– 20 %/– 30 % (9)
Il-Litwanja (*)	92	80 (4)	MA	MA	

1	2	3	4	5	6
Parti	Impenn kwantifikat ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet (2008–2012) (persentaġġ tas-sena bażi jew perjodu)	Impenn kwantifikat ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet (2013–2020) (persentaġġ tas-sena bażi jew perjodu)	Sena ta' referenza (1)	Impenn kwantifikat ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet (2013–2020) (persentaġġ tas-sena ta' referenza) (1)	Wegħdiet ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (perċentwal tas-sena ta' referenza) (2)
Il-Lussemburgu	92	80 (4)	MA	MA	
Malta		80 (4)	MA	MA	
Monako	92	78	1990	78	–30 %
Il-Pajjiżi l-Baxxi	92	80 (4)	MA	MA	
In-Norveġja	101	84	1990	84	– 30 % sa – 40 % (10)
Il-Polonja (*)	94	80 (4)	MA	MA	
Il-Portugall	92	80 (4)	MA	MA	
Ir-Rumanija	92	80 (4)	MA	MA	
Is-Slovakkja (*)	92	80 (4)	MA	MA	
Is-Slovenja (*)	92	80 (4)	MA	MA	
Spanja	92	80 (4)	MA	MA	
L-Isvezja	92	80 (4)	MA	MA	
L-Isvizzera	92	84,2	1990	MA	– 20 % sa – 30 % (11)
L-Ukraina (*)	100	76 (12)	1990	MA	– 20 %
Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	92	80 (4)	MA	MA	

Parti	Impenn kwantifikat ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet (2008–2012) (persentaġġ tas-sena bażi jew perjodu)
Il-Kanada (13)	94
Il-Ġappun (14)	94
New Zealand (15)	100
Il-Federazzjoni Russa (16) (*)	100

Taqsira: MA = mhux applikabbli

(*) Il-pajjiżi li għaddejjin mill-proċess tranżitorju għal ekonomija tas-suq.

In-noti kollha ta' qiegħ il-paġna hawn taħt, ħlief in-noti 1, 2 u 5 ta' qiegħ il-paġna ħarġu minn komunikazzjonijiet mill-Partijiet rispettivi.

(1) Is-sena ta' referenza tista' tintuża minn Parti fuq bażi fakultattiva għall-finijiet proprji tagħha biex tesprimi impenn kwantifikat ta' limitazzjoni jew tnaqqis (QELRC) bħala persentaġġ tal-emissjonijiet ta' dik is-sena, li mhux internazzjonalment vinkolanti skont il-Protokoll ta' Kyoto, flimkien mal-elenkar tal-QELRC(s) tagħha b'relazzjoni mas-sena ta' bażi fit-tieni u t-tielet kolonna ta' din it-tabella, li huma internazzjonalment legalment vinkolanti.

(2) Aktar informazzjoni dwar dawn il-wegħdiet tista' tinstab fid-dokumenti FCCC/SB/2011/INF.1/Rev.1 u FCCC/KP/AWG/2012/MISC.1, Add.1 u Add.2.

(3) Il-QELRC tal-Awstralja fit-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kyoto hu konsistenti mal-kisba tal-mira bla kundizzjonijiet tal-2020 tal-Awstralja ta' 5 % inqas mil-livelli tal-2000. L-Awstralja tibqa' żżomm l-għażla li aktar tard ittejjeb il-mira tagħha ta' 5 % għal 15 %, jew 25 % inqas mill-livelli tal-2000, sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Din ir-referenza żżomm l-istatus ta' dawn il-weġħdiet kif saru fil-Ftehimiet ta' Cancun u ma toħloqx impenn ġdid legalment vinkolanti skont dan il-Protokoll jew regoli u modalitajiet assoċjati tiegħu.

(4) Il-QELRCs għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għat-tieni perjodu ta' impenn skont il-Protokoll ta' Kyoto huma bbażati fuq il-fehma li dawn se jiġu ssodisfati bi sħab mal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll ta' Kyoto. Il-QELRCs huma mingħajr preġudizzju għan-notifika sussegwenti mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ta' ftehim biex jiġu ssodisfati l-impenji tagħhom b'mod konġunt f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Kyoto.

(5) Miżjud mal-Anness B b'emenda adottata skont id-Deċiżjoni 10/CMP.2. Din l-emenda għadha ma daħlitx fis-seħħ.

(6) Il-QELRC tal-Kroazja għat-tieni perjodu ta' impenn skont il-Protokoll ta' Kyoto hu bbażat fuq il-fehma li dan se jiġi ssodisfat bi sħab mal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll ta' Kyoto. Għaldaqstant, l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea m'għandux ikollha impatt fuq il-parteċipazzjoni fit-tali ftehim tat-twettiq konġunt skont l-Artikolu 4 jew il-QELRC tagħha.

(7) Bħala parti minn ftehim globali u komprensiv għall-perjodu wara l-2012, l-Unjoni Ewropea ttenni l-offerta kundizzjonali tagħha li tnaqqas l-emissjonijiet bi 3 % sal-2020 meta mqabbel mal-livelli tal-1990, sakemm pajjiżi żviluppati oħrajn jikkommettu ruhom għal tnaqqis komparabbli tal-emissjonijiet u li l-pajjiżi fil-faži ta' żvilupp jikkontribwixxu adegwatament skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom.

(8) Il-QELRC tal-Islanda għat-tieni perjodu ta' impenn skont il-Protokoll ta' Kyoto hu bbażat fuq il-fehma li dan se jiġi ssodisfat bi sħab mal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll ta' Kyoto.

(9) Il-QELRC ppreżentat fit-tielet kolonna jirreferi għall-mira ta' tnaqqis ta' 20 % sal-2020 meta mqabbel mal-livelli tal-1990. Il-Liechtenstein jikkunsidra valur ogħla ta' tnaqqis sa 30 % sal-2020 meta mqabbel mal-livelli tal-1990 bil-kundizzjoni li pajjiżi żviluppati oħrajn jimpenjaw ruħhom għal tnaqqis komparabbli tal-emissjonijiet u li l-pajjiżi ekonomikament aktar avvanzatili l-pajjiżi jikkontribwixxu b'mod adegwat skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom.

(10) Il-QELRC tan-Norveġja ta' 84 hu konsistenti mal-mira tagħha ta' 30 % ta' tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2020 meta mqabbel mal-livelli tal-1990. Jekk din tista' tikkontribwixxi għal ftehim globali u komprensiv fejn l-Partijiet emittenti ewlenin jaqblu dwar tnaqqis fl-emissjonijiet f'konformità mal-mira ta' 2°C, in-Norveġja se tgħaddi għal-livell tat-tnaqqis ta' 40 % fl-2020 abbażi tal-livelli tal-1990. Din ir-referenza żżomm l-istatus ta' dawn il-weġħdiet kif saru fil-Ftehimiet ta' Cancun u ma toħloqx impenn ġdid legalment vinkolanti skont dan il-Protokoll.

(11) Il-QELRC ppreżentat fit-tielet kolonna ta' din it-tabella jirreferi għall-mira ta' tnaqqis ta' 20 % sal-2020 meta mqabbel mal-livelli tal-1990. L-Isvizzera tikkunsidra mira ogħla ta' tnaqqis sa 30 % sal-2020 meta mqabbla mal-livelli tal-1990 soġġetta għal impenji ta' tnaqqis komparabbli tal-emissjonijiet min-naħa ta' pajjiżi żviluppati oħra u li jkun hemm kontribut adegwat mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħhom, f'konformità mal-mira ta' 2°C. Din ir-referenza żżomm l-istatus tal-weġħda li saret fil-Ftehimiet ta' Cancun u ma toħloqx impenn ġdid legalment vinkolanti skont dan il-Protokoll jew regoli u modalitajiet assoċjati tiegħu.

(12) Għandu jkun hemm trasferiment sħiħ u ma tiġi aċċettata l-ebda kanċellazzjoni jew xi limitazzjoni fl-użu ta' din il-proprjetà sovrana miksuba b'mod leġittimu.

(13) Fil-15 ta' Diċembru 2011, id-depożitarju rċieva notifika bil-miktub dwar l-irtirar tal-Kanada mill-Protokoll ta' Kyoto. Din l-azzjoni saret effettiva għall-Kanada fil-15 ta' Diċembru 2012.

(14) F'Komunikazzjoni datata l-10 ta' Diċembru 2010, il-Ġappun indika li ma kellux intenzjoni li jkollu l-obbligu tat-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kyoto wara l-2012.

(15) New Zealand tibqa' Parti għall-Protokoll ta' Kyoto. Din se tagħmel mira kwantifikata ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fil-livelli kollha tal-ekonomija skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fil-perjodu mill-2013 sal-2020.

(16) F'Komunikazzjoni datata t-8 ta' Diċembru 2010 li waslet għand is-Segretarjat fid-9 ta' Diċembru 2010, il-Federazzjoni Russa indikat li mhix beħsiebha tassumi impenn kwantitattiv ta' limitazzjoni jew tnaqqis fl-emissjonijiet għat-tieni perjodu ta' impenn."

B. Anness A tal-Protokoll ta' Kyoto

Il-lista li ġejja għandha tissostitwixxi l-lista fl-intestatura "Gassijiet serra" fl-Anness A tal-Protokoll:

"Il-gassijiet serra

Id-dijossidu tal-karbonju (CO_2)

Il-metanu (CH_4)

L-ossidu nitruż (N_2O)

L-idrofluworokarboni (HFCs)

Il-perfluworokarboni (PFCs)

L-essafluworid tal-kubrit (SF_6)

It-trifluworid tan-nitroġenu (NF_3) ([1])"

C. Artikolu 3, paragrafu 1 bis

Il-paragrafu li jmiss għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 1 tal-Artikolu 3 tal-Protokoll:

"1 bis. Il-Partijiet inklużi fl-Anness I għandhom individwalment jew flimkien jiżguraw li l-emissjonijiet totali antropoġeniċi tal-ekwivalenti tad-dijossidu tal-karbonju diossidju tal-gassijiet serra mniżżla fl-Anness A ma jaqbżux l-ammonti assenjati tagħhom, kalkulati skont l-impenji kwantifikati ta' limitazzjoni u tnaqqis tal-emissjonijiet imniżżla fit-tielet kolonna tat-tabella li tinsab fl-Anness B u skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, bl-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet kumplessivi ta' tali gassijiet b'mill-inqas 18 % taħt il-livelli tal-1990 fil-perjodu ta' impenn mill-2013 sal-2020."

D. Artikolu 3, paragrafu 1 ter

Il-paragrafu li jmiss għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 1 bis tal-Artikolu 3 tal-Protokoll:

"1 ter. Parti inkluża fl-Anness B tista' tipproponi aġġustament li jnaqqas il-persentaġġ imniżżel fit-tielet kolonna tal-Anness B fl-impenn kwantifikat tagħha ta' limitazzjoni u tnaqqis tal-emissjonijiet imniżżel fit-tielet kolonna tat-tabella li hemm fl-Anness B. Proposta għal aġġustament bħal dan għandha tiġi kkomunikata lill-Partijiet mis-segretarjat mill-inqas tliet xhur qabel il-laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Protokoll li matulha l-emenda tiġi proposta għall-adozzjoni."

E. L-Artikolu 3, paragrafu 1 quater

Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 1 ter tal-Artikolu 3 tal-Protokoll:

"1 quater. Aġġustament propost minn Parti inkluża fl-Anness I biex tiżdied l-ambizzjoni tagħha ta' impenn kwantifikat ta' limitazzjoni u tnaqqis tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 1 ter ta' hawn fuq, għandu jitqies adottat mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Protokoll sakemm aktar minn tliet kwarti tal-Partijiet li jkunu preżenti ma jivvotawx biex joġġezzjonaw għall-adozzjoni ta' dan. Aġġustament adottat għandu jiġu kkomunikat mis-Segretarjat lid-Depożitarju, li għandu jiċċirkolah fost il-Partijiet kollha, u għandu jidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara l-komunikazzjoni mid-Depożitarju. Dawn l-aġġustamenti għandhom ikunu vinkolanti għall-Partijiet."

F. Artikolu 3, paragrafu 7 bis

Il-paragrafi li jmiss għandhom jiddaħħlu wara l-paragrafu 7 tal-Artikolu 3 tal-Protokoll:

"7 bis. Fit-tieni perjodu ta' impenn kwantifikat ta' limitazzjoni u tnaqqis tal-emissjonijiet, mill-2013 sal-2020, l-ammont assenjat għal kull Parti inkluża fl-Anness I għandha tkun daqs il-perċentaġġ mogħti lilha fit-tielet kolonna tat-tabella li tinsab fl-Anness B tal-emissjonijiet totali tagħha antropoġeniċi ekwivalenti tal-karbonju diossidju tal-gassijiet tas-serra mniżżla fl-Anness A fl-1990, jew is-sena bażi jew perjodu ddeterminat skont il-paragrafu 5 hawn fuq imsemmi, immultiplikat bi tmienja. Dawk il Partijiet inklużi fl-Anness I li għalihom il-bdil tal-użu tal-art u l-foresti li jikkostitwixxu sors nett tal-emissjonijiet tal-gass tas-serra fl-1990 għandhom jinkludu fl-emissjonijiet tagħhom tas-sena bażi tal-1990 jew perjodu, l-emissjonijiet antropoġeniċi ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju mis-sors, mingħajr l-assorbimenti mis-sinks fl-1990 mill-bdil tal-użu tal-art bl-għan li jikkalkolaw l-ammont assenjat tagħhom."

G. Artikolu 3, paragrafu 7 ter

Il-paragrafu li jmiss għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 7 bis tal-Artikolu 3 tal-Protokoll:

"7 ter. Kull differenza pożittiva bejn l-ammont assenjat tat-tieni perjodu ta' impenn għal Parti inkluża fl-Anness I u l-emissjonijiet annwali medji għall-ewwel tliet snin tal-perjodu ta' impenn preċedenti mmultiplikat bi tmienja għandha tiġi ttrasferita għall-kont ta' kanċellazzjoni ta' dik il-Parti."

([1]) Japplika biss mill-bidu tat-tieni perjodu ta' impenn.

H. Artikolu 3, paragrafu 8

Fil-paragrafu 8 tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, il-kelmiet:

"kalkolu msemmija fil-paragrafu 7 hawn fuq"

għandhom jinbidlu bi:

"kalkoli msemmija fil-paragrafi 7 u 7 bis hawn fuq"

I. Artikolu 3, paragrafu 8 bis

Il-paragrafu li jmiss għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 8 tal-Artikolu 3 tal-Protokoll:

"8 bis. Kull Parti inkluża fl-Anness I tista' tuża s-sena 1995 jew 2000 bħala s-sena bażi tagħha għat-trifluworid tan-nitroġenu għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 7 bis hawn fuq."

J. L-Artikolu 3, paragrafi 12 bis u ter

Il-paragrafi li jmiss għandhom jiddaħħlu wara l-paragrafu 12 tal-Artikolu 3 tal-Protokoll:

"12 bis. Kull unità ġġenerata minn mekkaniżmi bbażati fis-suq biex tiġi stabbilita skont il-Konvenzjoni jew l-istrumenti tagħha tista' tintuża mill-Partijiet inklużi fl-Anness I biex tgħinhom jiksbu konformità mal-impenji kwantifikati tagħhom ta' limitazzjoni tnaqqis tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 3. Kull unità bħal din li Parti tikseb mingħand Parti oħra għall-Konvenzjoni għandha tingħaqad mal-ammont assenjat għall-Parti riċeventi u titnaqqas mill-kwantità ta' unitajiet miżmuma mill-Parti trasferenti.

12 ter. Il-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Protokoll għandha tiżgura li, meta unitajiet minn attivitajiet approvati skont mekkaniżmi bbażati fis-suq imsemmija fil-paragrafu 12 bis hawn fuq, jintużaw minn Partijiet inklużi fl-Anness I biex tgħinhom jiksbu konformità mal-impenji kwantifikati tagħhom ta' limitazzjoni u tnaqqis tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 3, sehem minn dawn l-unitajiet irid jintuża biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi, kif ukoll biex jassisti Partijiet li huma pajjiżi li qed jiżviluppaw u li huma b'mod partikolari vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima ħalli jkopru l-ispejjeż ta' adattament jekk dawn l-unitajiet ikunu nkisbu skont l-Artikolu 17."

K. Artikolu 4, paragrafu 2

Il-kelmiet li ġejjin għandhom jiddaħħlu fl-aħħar tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 4 tal-Protokoll:

", jew fid-data tad-depożitu tal-istrumenti tagħhom ta' aċċettazzjoni ta' xi emenda fl-Anness B skont il-paragrafu 9 tal-Artikolu 3."

L. Artikolu 4, paragrafu 3

Fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 4 tal-Protokoll, il-kelmiet:

", paragrafu 7"

għandhom jinbidlu bi:

"ma' liema għandu x'jaqsam"

Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ

Din l-emenda għandha tidħol fis-seħħ skont l-Artikoli 20 u 21 tal-Protokoll ta' Kyoto.

ANNESS I

Notifika tat-termini tal-ftehim ta' twettiq konġunt tal-impenji tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Islanda taħt l-Artikolu 3 tal-Protokoll ta' Kjoto għat-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto, kif adottat mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima li serviet bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto f'Doha, bid-Deċiżjoni 1/CMP.8, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll ta' Kjoto

1. Il-membri tal-ftehim

L-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Islanda, li kollha huma Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto, huma l-membri ta' dan il-ftehim ("il-membri"). Dawn li ġejjin huma l-Istati Membri attwali tal-Unjoni Ewropea:

ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja, u r-Renju Unit tal-Gran Brittannja u l-Irlanda ta' Fuq.

L-Islanda hija membru ta' dan il-ftehim skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Islanda, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna l-parteċipazzjoni tal-Islanda fit-twettiq konġunt tal-impenji tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Islanda fit-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

2. It-twettiq konġunt tal-impenji taħt l-Artikolu 3 tal-Protokoll ta' Kjoto għat-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto

F'konformità mal-Artikolu 4(1) tal-Protokoll ta' Kjoto, il-membri ser jissodisfaw l-impenji tagħhom taħt l-Artikolu 3 tiegħu kif ġej:

— il-Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mal-Artikolu 4(5) u (6) tal-Protokoll ta' Kjoto, fl-Istati Membri u fl-Islanda l-ammont totali tal-emissjonijiet antropoġeniċi aggregati ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju tal-gass b'effett ta' serra elenkati fl-Anness A tal-Protokoll ta' Kjoto ma jaqbiżx l-ammont assenjat lilhom b'mod konġunt;

— l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tal-Protokoll ta' Kjoto għall-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra mill-avjazzjoni u t-tbaħħir għall-Istati Membri u l-Islanda hija bbażata fuq l-approċċ tal-Konvenzjoni li jiġu inklużi biss fil-miri tal-Partijiet, l-emissjonijiet minn titjiriet domestiċi u minn trasport marittimu domestiku. L-approċċ tal-Unjoni Ewropea fit-tieni impenn tal-Protokoll ta' Kjoto se jibqa' l-istess bħal kif kien fl-ewwel perijodu ta' impenn, minħabba li ma sarx progress mid-deċiżjoni 2/CP.3 'l hawn fl-attribuzzjoni ta' dawk l-emissjonijiet lill-miri tal-Partijiet. Dan hu mingħajr preġudizzju għar-rigorożità tal-impenji tal-Unjoni Ewropea skont il-pakkett dwar il-klima u l-enerġija, li jibqgħu l-istess. Huwa wkoll mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jittieħdu miżuri fir-rigward tal-emissjonijiet ta' dawn il-gassijiet mill-avjazzjoni u mill-fjuwils tal-bunkers tal-baħar.

— kull Membru jista' jżid il-livell ta' ambizzjoni tiegħu permezz tat-trasferiment tal-unitajiet tal-ammont assenjat, l-unitajiet tat-tnaqqis tal-emissjonijiet jew l-unitajiet tat-tnaqqis tal-emissjonijiet iċċertifikati lejn kont ta' kanċellazzjoni stabbilit fir-reġistru nazzjonali tiegħu. Il-membri għandhom jippreżentaw b'mod konġunt l-informazzjoni meħtieġa mill-paragrafu 9 tad-Deċiżjoni 1/CMP.8, u b'mod konġunt se jagħmlu kwalunkwe proposta għall-fini tal-Artikolu 3(1ter) u (1quater) tal-Protokoll ta' Kjoto;

— il-membri għandhom jibqgħu japplikaw l-Artikolu 3(3) u (4) tal-Protokoll ta' Kjoto u d-deċiżjonijiet miftiehma skont dan, individwalment;

— l-emissjonijiet tas-sena bażi kkombinati tal-membri għandhom ikunu ekwivalenti għall-ammont totali tal-emissjonijiet fis-snin bażi rispettivi applikabbli għal kull Stat Membru u l-Islanda;

— jekk l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija kienu jikkostitwixxi sors nett tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fl-1990 għal kwalunkwe Stat Membru jew l-Islanda, il-membru rilevanti għandu, skont l-Artikolu 3(7bis) tal-Protokoll ta' Kjoto, jinkludi fis-sena bażi jew il-perijodu tal-emissjonijiet tiegħu, l-ammont aggregat tal-emissjonijiet antropoġeniċi ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju mis-sorsi u minnu jitnaqqsu l-assorbimenti minn bjar fis-sena bażi jew il-perijodu mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija għall-fini tal-kalkolu tal-ammont konġunt assenjat tal-membri ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 3(7bis), (8) u (8bis) tal-Protokoll ta' Kjoto;

— il-kalkolu skont l-Artikolu 3(7ter) tal-Protokoll ta' Kjoto għandu japplika għall-ammont konġunt assenjat tat-tieni perijodu ta' impenn għall-membri ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 3(7bis), (8) u (8bis) tal-Protokoll ta' Kjoto u l-ammont totali tal-medja tal-emissjonijiet annwali tal-membri għall-ewwel tliet snin tal-ewwel perijodu ta' impenn immultiplikat bi tmienja;

— f'konformità mad-Deċiżjoni 1/CMP.8, l-unitajiet fil-kont tar-Riżerva Żejda mill-Perijodu Preċedenti ta' membru jistgħu jintużaw għall-irtirar matul il-perijodu addizzjonali għat-twettiq tal-impenji tat-tieni perijodu ta' impenn, sa fejn l-emissjonijiet ta' dak il-membru, matul it-tieni perijodu ta' impenn, jaqbżu l-ammont assenjat rispettiv tiegħu għal dak il-perijodu ta' impenn, kif definit f'din in-notifika.

3. Livelli rispettivi ta' emissjonijiet allokati lill-membri fil-ftehim

L-impenji kwantifikati għal-limitazzjoni u t-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-membri elenkati fit-tielet kolonna tal-Anness B tal-Protokoll ta' Kjoto huma 80 %. L-ammont konġunt assenjat lill-membri għat-tieni perijodu ta' impenn ser jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 3(7 bis), (8) u (8 bis) tal-Protokoll ta' Kjoto, u l-kalkolu tiegħu ser ikun iffaċilitat mir-rapport ippreżentat mill-Unjoni Ewropea skont il-paragrafu 2 tad-Deċiżjoni 2/CMP.8.

Il-livelli tal-emissjonijiet rispettivi tal-membri huma kif ġej:

— Il-livell tal-emissjonijiet għall-Unjoni Ewropea huwa d-differenza bejn l-ammont konġunt assenjat lill-membri, u l-ammont totali tal-livelli tal-emissjonijiet tal-Istati Membri u l-Islanda. Il-kalkolu ta' dan ser jiġi ffaċilitat bir-rapport ippreżentat skont il-paragrafu 2 tad-Deċiżjoni 2/CMP.8.

— Il-livelli rispettivi tal-emissjonijiet tal-Istati Membri u l-Islanda f'konformità mal-Artikolu 4(1) u (5) tal-Protokoll ta' Kjoto huma l-għadd totali tal-ammonti rispettivi tagħhom elenkati fit-Tabella 1 hawn taħt u kwalunkwe riżultat tal-applikazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 3(7bis) tal-Protokoll ta' Kjoto għal dak l-Istat Membru jew l-Islanda.

L-ammonti assenjati tal-membri għandhom ikunu ekwivalenti għal-livelli rispettivi tal-emissjonijiet tagħhom.

L-ammont assenjat lill-Unjoni Ewropea ser ikun imqabbel mal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra minn sorsi skont l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea, li fiha jipparteċipaw l-Istati Membri tagħha u l-Islanda, sa fejn dawn l-emissjonijiet huma koperti bil-Protokoll ta' Kjoto. L-ammonti assenjati rispettivi tal-Istati Membri u l-Islanda jkopru l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra minn sorsi u l-assorbiment minn bjar f'kull Stat Membru jew l-Islanda minn sorsi u bjar mhux koperti bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d- Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dan jinkludi l-emissjonijiet kollha minn sorsi u assorbimenti minn bjar koperti bl-Artikolu 3(3) u (4) tal-Protokoll ta' Kjoto kif ukoll l-emissjonijiet kollha tat-trifluworur tan-nitroġenu (NF_3) skont il-Protokoll ta' Kjoto.

Il-membri ta' dan il-Ftehim għandhom jirrappurtaw b'mod separat dwar l-emissjonijiet minn sorsi u assorbimenti minn bjar koperti mill-ammonti assenjati rispettivi tagħhom.

Tabella 1: Livelli ta' emissjonijiet tal-Istati Membri u l-Islanda (qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(7bis)) f'termini ta' tunnellati ta' ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju għat-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto

Il-Belġju	584 228 513
Il-Bulgarija	222 945 983
Ir-Repubblika Ċeka	520 515 203
Id-Danimarka	269 321 526
Il-Ġermanja	3 592 699 888
L-Estonja	51 056 976
L-Irlanda	343 467 221

Il-Greċja	480 791 166
Spanja	1 766 877 232
Franza	3 014 714 832
Il-Kroazja	162 271 086
L-Italja	2 410 291 421
Ċipru	47 450 128
Il-Latvja	76 633 439
Il-Litwanja	113 600 821
Il-Lussemburgu	70 736 832
L-Ungerija	434 486 280
Malta	9 299 769
Il-Pajjiżi l-Baxxi	919 963 374
L-Awstrija	405 712 317
Il-Polonja	1 583 938 824
Il-Portugall	402 210 711
Ir-Rumanija	656 059 490
Is-Slovenja	99 425 782
Is-Slovakkja	202 268 939
Il-Finlandja	240 544 599
L-Isvezja	315 554 578
Ir-Renju Unit	2 743 362 625
L-Islanda	15 327 217

ANNESS II

Dikjarazzjoni mill-Unjoni Ewropea magħmula f'konformità mal-Artikolu 24(3) tal-Protokoll ta' Kjoto

Dawn li ġejjin huma l-Istati Membri attwali tal-Unjoni Ewropea: ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja, u r-Renju Unit tal-Gran Brittannja u l-Irlanda ta' Fuq.

L-Unjoni Ewropea tiddikjara li, f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192 (1) u l-Artikolu 191 tiegħu, hija għandha l-kompetenza biex tipparteċipa fi ftehimiet internazzjonali, u biex timplimenta l-obbligi li jirriżultaw minnhom, li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi li ġejjin:

— il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent;

— il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

— l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali;

— il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari li jiġġieldu t-tibdil fil-klima.

L-Unjoni Ewropea tiddikjara li l-impenn ikkwantifikat tagħha tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għat-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto (2013-2020) se jitwettaq permezz ta' azzjoni mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha skont il-kompetenza rispettiva ta' kull waħda u wieħed minnhom. L-istrumenti legalment vinkolanti li jimplimentaw l-impenn tagħha, li jkopru l-materji rregolati mill-Protokoll ta' Kjoto kif emendat bl-Emenda ta' Doha, diġà qegħdin fis-seħħ.

L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi informazzjoni, fuq bażi regolari, dwar l-istrumenti legali rilevanti tal-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-informazzjoni supplimentari inkorporata fil-Komunikazzjoni Nazzjonali tagħha ppreżentata taħt l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni bl-għan li tintwera konformità mal-impenji tagħha fil-Protokoll ta' Kjoto f'konformità mal-Artikolu 7(2) tiegħu u l-linji gwida inkwistjoni.